MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2011

Numru. 122/2011

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Alaeddin Halbie, iben Abdalla, imwieled is-Sirja fit-28 ta' Mejju, 1978, Karta ta' l-Identita numru 35069A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-8 ta' Jannar, 2011 għal ħabta tal-għaxar u nofs ta' fil-għodu, f'dawn il-Gżejjer u cioe' ġewwa ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u cioe' tentattiv ta' ferita gravi, wera dan Il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-

persuna ta’ Adel Hamemi skkont kif iċċertifikat minn Dr. Sarah Azzopardi M.D. mill-Isptar Mater Dei;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta u/jew bil-ponta (arma regolari), mingħajr il-liċenzja tal-pulizija;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji u/jew theddid fil-konfront ta’ Adel Hamemi, ta’ Simon Galea u tal-familji tagħhom;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bonordni jew il-kwiet tal-pubbliku billi qal kliem indeċenti u oxxen;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għalkemm kien provokat, inġurja b’mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
Din il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta ta’ Adel Hamemi, ta’ Simon Galea u tal-familji tagħhom billi torbot lill-imsemmi Alaeddin Halbie b’obbligazzjoni taħt penali ta’ somma flus li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Jannar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(a), 216, 221(1), 338(dd), 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija għal żmien sena mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 383(1) tal-Kodiċi Kriminali u tobbliga lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta lil Adel Hamemi, Simon Galea u familjari tagħhom għal żmien sena mil-lum taħt penali ta’ €230.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------